Minuti tas-78 (tmienja u sebgħin) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ħamis 28 ta' Frar 2013 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fil-5.45p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Kunsilliera: Is-Sur Anthony Borg
Is-Sur Lorry Apap
Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv: is-Sur Louis Stefan Magrin

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Minuti tal-laqgħat numru 73 u 74 li saru nhar il-Erbgħa 31 ta' Ottubru 2012 u il-Ġimgħa 30 ta' Novembru 2012 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u approvati unanimament. Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti.

## 3. Korrispondenza

### 3.1 Memos

3.1.1 Memo 4/2013: Titratta Avviż Legali Numru 119/2002 (L.S.441.04) rigward regolamenti dwar attivitajiet li jeħtieġu permessi mill-Kunsill Lokali. Qed jiġi imfakkar il-punt li skont dan ir-regolament, applikant li jitlob permess biex ipoġġi tilar jew kjosk, mhux obligat jipprovdi kopja tal-liċenzja tan-negozju maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ.

3.1.2 Memo 5/2013: Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed jeżiġi biex dak inhar tal-Elezzjoni Ġenerali, ħadd u għal-ebda raġuni m'għandu jidħol fl-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill. F'dan ir-rigward huwa importanti li dak inhar, kull min għandu ċ-ċavetta tal-Kunsill ma jidħolx biex ma jinħoloq l-ebda inkonvenjent mhux mixtieq.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

## 3.2 Korrispondenza

3.2.1 Stedina lill-membri tal-Kunsill mill-Parroċċa tal-Qala biex jattendu għat-22 il-edizzjoni tal-attivita` soċjo-kulturali u ekumenika li ser issir fis-16 ta' Marzu 2013 fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp il-Qala.

3.2.2 Stedina mill-Universita` ta' Malta u mill-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz għal-inawgurazzjoni tad-*Dwejra PANACEA environmental education centre* nhar it-Tlieta 5 ta' Marzu 2013 fil-4.40 p.m.

3.2.3 Stedina lis-Sindku mill-Kunsill Lokali tal-Għarb għall-inawgurazzjoni ta' *Leisure Park* li saret nhar is-Sibt, 23 ta' Frar 2013.

3.2.4 Stedina lis-Sindku mill-Kunsill Lokali tar-Rabat Citta` Victoria għal-ftuħ uffiċċjali tal-uffiċċju tal-*Customer Care* fi ħdan l-istess Kunsill.

3.2.5 Stedina lis-Sindku mid-Dipartiment ta' Eko Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal-Għawdex għal-żjara bħala parti mill-proġett SIMBIOTIC, f'uħud mis-siti li fihom sar restawr ekoloġiku. Din saret nhar is-Sibt 16 ta' Frar 2013.

3.2.6 Inbagħtet l-ittra lil-avukat tal-Kunsill il-*Layer's Letter* kif ġie mitlub mill-awdituri Spiteri Bailey & Co.

3.2.7 Inbagħtu l-*Financial Statements 2012* lil-awdituri Spiteri Bailey & Co kif ukoll lil-Awditur Ġenerali.

3.2.8 Il-Kunsill irċieva diversi avviżi mill-Kummissjoni Elettorali biex jitwaħlu fuq in-*notice board*. Fost dawn l-avviżi li irċieva l-Kunsill kien hemm dak fejn qed jiġi mitlub li f'lokalitajiet fejn m'hemmx għases tal-Pulizija, is-servizz tat-tqassim tad-dokumenti tal-votazzjoni għandu jsir mill-Uffiċċji tal-Kunsilli Lokali.

3.2.9 Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed jitlob biex kull meta jsir xi ħlas lill-*Wasteserv* relatat mat-*tipping fees*, dan jiġi ikkupjat biex id-Dipartiment ikollu ukoll rendikont tal-bilanċi li għad fadal li jridu jitħalsu.

3.2.10 E-mail mill-MEUSAC fejn il-Kunsill qed jiġi mistieden għall-laqgħa ta' informazzjoni fuq il-programm tal-Unjoni Ewropeja il-*Life+* peress li l-Kummissjoni Ewropeja ser toħroġ l-aħħar sejħa taħt dan il-programm. Din ser issir il-Belt Valletta nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Marzu 2013.

3.2.11 E-mail mir-Reġjun Għawdex rigward il-laqgħa tar-Reġjun ta' Frar li saret nhar it-Tnejn 18 ta' Frar 2013.

3.2.12 Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġew mitluba mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jagħtu spjegazzjoni għal numru ta' allegazzjonijiet li tqajmu f'artiklu miktub mis-Sur Mario Fava fil-ġurnal l-Orizzont li ġie ippubblikat nhar il-Ġimgħa 8 ta' Frar 2013. Din l-ispjegazzjoni ingħatat nhar it-Tnejn 11 ta' Frar 2013 mingħajr ebda diffikuta. Il-korrispondenza kienet tgħid hekk:


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

**Mistoqsija tad-Dipartiment:-** *Il-Kunsill 'għamel xhur twal ma jiftaħx is-Sibtijiet, li ma joffrix servizzi bażiċi u li għalihom ġew imwaqqfin il-Kunsili Lokali u anki l-fatt li għal diversi żmien kellu kuntratti skaduti u diversi minuti li damu x-xhur biex ġew approvati. Apparti l-fatt li minkejja kull twissija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex il-minuti jkunu mtellgħin fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill, dan mhux isir lanqas.'*
**Risposta tal-Kunsill:-** Il-Kunsill kull nhar ta' Sibt dejjem fetaħ. Dan jista jiġi konfermat l-Monitoraġġ li min żmien għal-żmien jagħmel id-Dipartiment. Min Diċembru li għadda qed jingħata servizz min Part-time clerk taħt l-iskema CIES. Dwar kuntratti skaduti hemm dak tal-ġbir tal-Iskart. Il-Kunsill minkejja li talab parir f'Mejju li għadda dwar il-validita' tal-offerti lill-Avukat Dr Samuel Azzopardi u dan għadu ma ngħatax. Intalab ukoll parir lid-Dipartiment permezz ta' e-mail, li s'issa għadna ma nagħtajniex risposta għalih. Dwar minuti li damu xhur biex ġew approvati, l-Kunsill ma kienx qed jaqbel magħhom peress li ma kienux qed jirriflettu dak li intqal waqt il-laqgħa, għalhekk irriżulta dewmien. L-applikazzjoni għal-Segretarju Eżekuttiv ħarġet darbtejn, li darba minhom intagħżel iżda dan ma aċċettax il-kariga, u t-tieni darba ma applika ħadd, peress li minkejja kien hemm diversi persuni interessati, ma setgħux japplikaw peress li ma kienux fil-*pooling*.

**Mistoqsija tad-Dipartiment:-** *'Il-Kunsill m'għandux skrivan impjegat miegħu u dan qiegħed joħloq diversi problemi fosthom li meta s-Segretarju Eżekuttiv ikun bil-'leave' jew inkella joħroġ fuq xogħol mill-uffiċċju, dan ikollu jingħalaq bil-konsegwenza li r-residenti ma jkunux jistgħu jinqdew.'*
**Risposta tal-Kunsill:-** Il-Kunsill min Diċembru li għadda għandu part-time clerk li taħdem madwar 24 siegħa fil-ġimgħa inkluż is-Sibtijiet u meta s-Segretarju Eżekuttiv jkun bil-*Vacation Leave* toqgħod il-ġurnata kollha.

**Mistoqsija tad-Dipartiment:-** *'Tagħrif ieħor li wasslitli din il-persuna huwa dwar il-ħruġ li jsir għall-anzjani. Qiegħed jiġi allegat li dawk ir-residenti li jattendu għal dawn il-ħarġiet qegħdin jiġu mitlubin iħallsu xi flus (nimmaġina għat-trasport u xi ħwejjeġ oħrajn relatati mal-ħarġa). Mhux magħruf iżda min qiegħed jieħu ħsieb li jiġbor dawn il-flus, x'qiegħed jagħmel bihom u lil min qiegħed jgħaddihom.*


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

*Jidher li dawn il-flus mhux qegħdin jidħlu fl-'accounts' tal-Kunsill. Minkejja li jista' jkun hemm spjegazzjoni dwar dan, meta wieħed ifittex ma jsib xejn. Allura forsi jkun aħjar jekk tingħata spjegazzjoni fl-ewwel seduta tal-Kunsill, kemm mis-Sindku kif ukoll mis-Segretarju Eżekuttiv, jekk dan li qiegħed jiġi allegat hux minnu u jekk iva, min qiegħed jiġbor dawn il-flus, kif qegħdin jiġu ffissati r-rati mitlubin, x'qiegħed isir jew jitħallas bihom u anke l-mod li bih qegħdin isiru dawn il-pagamenti.'*

**Risposta tal-Kunsill:-** Dwar il-ħarġiet għar-residenti, dejjem jsir il-ħlas minnhom u toħroġilhom irċevuta u wara li l-flus jiġu depożitati l-bank separati.

**Mistoqsija tad-Dipartiment:-** *'Hemm allegazzjonijiet oħrajn dwar il-kuntratti li għandu dan il-Kunsill. Xi ngħidu għall-kuntratt tal-'electrician' tal-Kunsill? Veru li dan is-servizz qiegħed jiġi mogħti b' 'direct order'? Ħarġet sejħa għall-offerti għal dan is-servizz? Kemm qiegħed jiswa dan is-servizz? Qiegħed jaqbeż l-ammont ta' €1,165? Intalbu tlett kwotazzjonijiet jekk dan l-ammont qiegħed jinqabeż?*
*Biex inkompli dwar il-kuntratti, nixtieq nagħmel referenza għal kuntratt tal-ġbir tal-iskart. Kemm ilu li skada dan il-kuntratt? Veru dak li qiegħed jingħad li dan il-kuntratt ilu li skada sa mis-sena 2008? Huwa minnu li dan il-kuntratt ilu għal diversi xhur u snin jiġi mġedded minn xahar għal xahar? Jekk tassew il-kuntratt ilu skadut, x'żamm lill-Kunsill milli joħroġ sejħa ġdida għall-offerti? X'qiegħed jistenna s-Sindku Saviour Borg biex jgħid lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħmel dan? Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsillieri waqt xi seduta li dan il-kuntratt huwa skadut? Hemm min qiegħed jagħmel xi tip ta' pressjoni biex l-affarijiet jibqgħu 'status quo'?'*

**Risposta tal-Kunsill:-** It-tiswija tal-lampi tat-toroq il-Kunsill kien iddeċieda li peress li kien qed ikun hemm dewmien biex isiru t-tiswijiet meħtieġa, qabbad *electrician* liċenzjat biex jagħmel dan ix-xogħol b'inqas ħlas u b'aktar effiċċjenza. Dan sar wara li l-kuntratt li għadu qed jitwettaq f'Għawdex, ilu skadut min Marzu tal-2008. Barra minhekk l-ħlas jsir kull six xhur u qatt ma qabeż l-ammont permissibli mill-liġi.

Dwar il-kuntratt tal-ġbir tal-iskart domestiku, saret referenza għalih aktar il-fuq. Dan reġa ġie diskuss fl-aħħar laqgħa li saret fit-30 ta' Jannar 2013, u peress li kien għad ma hemmx


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

risposta, sar qbil li jekk tasal ir-risposta mid-Dipartiment jew mill-Avukat, jibda l-proċess skond il-parir mogħti.

**Mistoqsija tad-Dipartiment:-** *'fil-garaxx privat tas-Sindku jista' jkun hemm affarijiet li huma proprjetà tal-Kunsill Lokali bħal tabelli, sinjali u affarijiet relatati oħrajn. Għaliex qegħdin jinżammu fil-garaxx tas-Sindku?'*
**Risposta tal-Kunsill:-** Dwar affarijiet fil-garaxx tas-Sindku, peress li l-Kunsill qatt ma kellu fejn iqiegħed l-affarijiet imsemmija, dawn qed jinżammu fil-garaxx tiegħu minhajr ebda ħlas. Dan dejjem sar hekk taħt Sindki differenti mit-twaqqif tal-Kunsill, minħabba l-problema imsemmija biex il-Kunsill ikun dejjem akkomodat u l-affarijiet ma jitħallewx barra.

3.2.13 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq proġett li qegħda tniedi l-Muniċipalita ta'Tarragona fi Spanja fuq koperazzjoni edukattiva. F'dan l-istadju din il-Muniċipalita qegħda tfittex Kunsill jew reġjun ieħor biex jidħol bħala parti min dan il-proġett.

3.2.14 E-mail mill-Ministeru għat-Turiżmu, Kultura u Ambjent rigward it-tnedija tas-6 Edizzjoni tal-*European Destinations of Excellence Award* fuq inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropeja.It-tema tal-2013 ser tkun dik ta' 'Turiżmu Aċċessibli'u hija immirata għal-lokalitajiet li sviluppaw bażi ta' aċċessibilta`għat-turisti, irrispettivament il-kundizzjoni fiżika ta' dawn it-turisti.

3.2.15 Il-Kunsill irċieva il-fuljett ta' korsijiet *part-time* li l-MCAST ser jkun qed joffri f'Marzu li ġej.

3.2.16 Il-Kunsill irċieva l-Minuti tal-Appell tal-Offerta tal-Madum bil-ġebla tal-qawwi, tas-seduta li saret nhar id-29 ta' Jannar 2013.

3.2.17 Il-Kunsill irċieva poeżija miktuba mill-Kav Joe M Attard li tittratta r-riżenja tal-Papa Benedittu XVI. Din iġġib l-isem ta' 'L-Irtirata'.

## 3.3 <u>Ilmenti</u>

3.3.1 Ilment mis-Sur George Portelli li joqgħod fi Triq il-Qalb ta' Ġesu fejn qed jgħid li ġew immarkati xi sinjali fit-triq maġenb il-bankina, l-istess tip ta' sinjali li qed isiru biex isir il-*patching*. Issa jirriżulta illi fejn saru dawn is-sinjali quddiem il-propjeta` li tiġi kważi maġemb tiegħu, il-wiċċ tat-triq huwa lixx u ma jidhirx li għandu bżonn il-*patching*. F'każ illi dawn is-sinjali saru biex issir rampa mal-ġenb tal-bankina dan ser joħloq inkonvenjent bl-ilma tax-xita għax mhux talli jżomm l-ilma biss iżda jżomm ukoll il-ħmieġ li dan l-ilma jġorr miegħu. Apparti min


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

hekk qed jgħid li huwa illegali li tagħmel rampa fit-triq u jekk dan isir, ser jieħu l-passi kollha meħtieġa.
Għal dan is-Sindku qal li mhux minnu li ser issir rampa kif qed jaħseb is-Sur Portelli iżda minflok hemm parti żgħira fejn iżomm l-ilma u ser issir bl-asfaltar, peress li s-sinjura Nancy Theuma Custo kienet għamlet ilment xi xhur ilu lill-Kunsill biex din tittranġa.

## 4. Performace Bonus

4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li l-*Performance Bonus* tal-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph Farrugia jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sas-17 ta' Ġunju 2012.
Is-Sindku qal li s-Sur Joseph Farrugia għamel l-aħjar li seta' u iltaqgħa ma' problemi kbar li kienu ġejjin min żmien qabel, iżda kien hemm ċertu xogħol ieħor li ma sarx. Għalhekk is-Sindku ppropona li jingħata 7.5%, l-istess bħalma kien ingħata s-Sur Joe Xiberras. Mill-banda l-oħra, il-Viċi Sindku ppropona li jingħata 8% u ma dan qabel ukoll il-Kunsillier is-Sur Victor Cefai.
Wara diskussjoni li saret bi qbil, is-Sindku flimkien mal-Viċi Sindku u l-Kunsilliera qablu li għandu jingħata 8%.
Is-Sindku, f'isem il-Kunsill, ippreżenta lis-Sur Joseph Farrugia replika tal-Għajn il-Kbira bħala ringrazzjament tal-ħidma li wettaq fiż-żmien li għamel il-Kunsill.

4.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv preżenti qal li l-*Performance Bonus* tiegħu qed ikopri l-perjodu mill-18 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru 2012. Il-Kunsill qabel li lill-Aġent Segretarju preżenti jingħatalu 8% ukoll. Dawn għandhom jintbagħtu għall-approvazzjoni tad-Direttur tal-Gvern Lokali.

## 5. Għoti tal-Offerti

5.1 Ġiet imġedda il-garanzija bankarja tal-ġbir tal-iskart domestiku mill-kuntrattur li qed jagħmel dan ix-xogħol.

5.2 Wara numru ta' talbiet id-Dipartiment tal-Gvern Lokali irrisponda lill-Kunsill permezz ta' e-mail rigward l-offerta tal-ġbir tal-iskart domestiku. Il-Kunsill ġie infurmat li l-offerta għandha terġa toħroġ mill-ġdid. Il-Kunsill qabel.

5.3 Offerta FONQ 05/2012: *Non-Slip texture Hardstone Floor Tiles for external use for the publicly accessible roof of the Fontana Local Council Offices.* Saret is-seduta tal-Bord tal-Appell fid-26 ta' Frar 2013 fejn xehed l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kif ukoll is-Sindku. Is-seduta ġiet aġġornata għas-26 ta' Marzu fis-1.00p.m.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

5.4 Kwotazzjoni 01/2013: *Supply and Installation of outdoor fitness/exercise equipment in the open area on the roof of the Fontana Local Council Offices*.
Ġiet imġedda d-data tal-għeluq ta' din il-kwotazzjoni peress li l-Perit dam ma fornixxa l-*Bill of Quantities* u għalhekk id-dokument tal-kwotazzjoni dam ma ħareġ u dan meta n-notifika tal-ħruġ ta' l-istess kwotazzjoni kienet diġa ippubblikata.

5.5 Wara li s-Sindku ħa parir ta' x'inhu l-aħjar li jsir liż-żurżieqa biex tkun tista terġa tintuża u tkun konformi mal-miżuri ta' sigurta` stabilita mill-*Malta Standards Authority*, il-Kunsill qabel li jsirilha *sandblasting* u t-tibli li hemm bżonn jsir mis-Sur Publius Attard u tinżebaħ mill-ħaddiem assenjat mal-Kunsill is-Sur Joe Mercieca. Sar qbil ukoll li jerġgħu jintużaw is-*safety carpets* li inġabru meta inqalgħet iż-żurżieqa kif ukoll jinxtraw dawk li kellhom jinbidlu u dawk li jonqos biex tiġi koperta l-*area* taż-żurżieqa. Il-prezz huwa ta' €32 il-metru kwadru

## 6. Mistoqsijiet

6.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 7. Approvazzjoni ta' Kontijiet

7.1 Ċedola ta' pagamenti annessa. Il-Membri lkoll qablu li jsiru l-pagamenti murija fiċ-Ċedola annessa.

## 8. Mozzjonijiet

8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 9. Materji Oħra

9.1 Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali talab lill-Kunsill biex jittelgħu l-Minuti approvati fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill Lokali. Dan sar b'mod immedjat.

9.2 Il-Perit John Saliba informa il-Kunsill li ġew irranġati ċ-ċinta tan-nofs u dik ta' maġenba li qed tmiss mal-garaxxijiet biex ikunu invellati bedrit xulxin. Il-Kunsill qabel biex isir il-ħlas miżmum tal-Perit.

9.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill għal-approvazzjoni l-ammont ta' 6 sigħat *time-off* liema siegħat saru fid-29 ta' Jannar 2013 fl-okkażżjoni tal-għoti ta' Ġieħ il-Fontana 2012. Il-Kunsill qabel.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.4 Il-Kunsill ġie infurmat mis-Sur Guido Zammit li l-parteċipazzjoni tas-Sur Terry Attard fl-iskema ta' xogħol fil-komunita` reġgħet ġiet imġedda għal sitt xhur oħra b'effett mit-Tnejn 25 ta' Frar 2013.

9.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li l-parteċipazzjoni tas-Sur Joscar Camilleri ma' dan il-Kunsill ġiet terminata għax sab xogħol.

9.6 Il-Kunsill iffirma l-ftehim ta' għajnuna finanzjarja mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-iSkema ta' Attivitajiet Sportivi 2013.

9.7 Il-Kunsill informa lill-Green MT biex jestendi l-ftehim tal-ġbir tal-skart separat sa meta jinħatar Kunsill ġdid u jkun beda jiffunzjona jiġifieri sa April li ġej.

9.8 Il-Kunsill informa lill-Kunsill Malti Għas-Settur tal-Volontarjat li s-sala tal-Komunita` tinkera għall-prezz ta' €100 u li f'din il-lokalita` ma jidhirx li hawn organizzazzjonijiet volontarji li huma irreġistrati.

9.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sala tal-Komunita` ser tinkera lill-Kummissjoni Elettorali minħabba l-votazzjoni fid-9 ta' Marzu għal-prezz ta' €300.

9.10 Saret laqgħa illum il-Ħamis 28 ta' Frar 2013 bejn ir-Reġjun Għawdex u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tiġi diskussa l-qagħda finanzjarja tar-Reġjun Għawdex peress li dan għalaq b'defiċit.

9.11 Inbagħtet l-applikazzjoni lill-Enemalta min Galea Curmi Curmi biex issir bozza fit-tarf ta' Triq John Gaspard Le Merchant.

9.12 Il-Kunsill irċieva *cheque* ta' €1,450 mill-*Water Services Corporation* bħala ammont dovut lill-Kunsill tat-*trenching* li sar fl-2010.

9.13 Is-Sindku u l-Kunsillier is-Sur Lorry Apap ippreżentaw il-*mobile* tal-Kunsill filwaqt li l-Viċi Sindku qal li xi żmien ilu kien ħa l-ġurament peress li dak li kien fil-pussess tiegħu kien tilfu. Il-Kunsilliera s-Sur Victor Cefai u s-Sur Horace Micallef ser iġibuh fil-laqgħa li jmiss.

9.14 Tlesta l-*bricks* ta' l-art tal-*playing field* tal-parti li tiġi fuq it-tielet fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

9.15 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef talab għal darb'oħra biex meta jkun qed isir il-*patching* bil-*hot asphalt* titranġa t-tappiera li tinsab fl-ewwel parti tat-Triq il-Kappillan Hili min naħħa ta' Triq il-Għajn peress li din inqabżet u mhix immarkata bħal bnadi oħra fejn hu maħsub li jsir il-*patching.*

9.16 Is-Sindku ippropona biex il-Gvern Ċentrali jagħmel toqob għan-nar tal-art fi Triq il-Għajn fil-parti li qegħda tinbena l-isfel mill-knisja biex ma terġax titqatta. Għal dan il-għan saret laqgħa fuq il-post mal-Perit inkarigat is-Sur Angelo Portelli. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm bżonn jinxtraw it-tappieri għalihom.

9.17 Tlesta x-xogħol tal-proġett tal-pavimentar bil-ġebla tal-qawwi ta' Wied Siekel.

9.18 Twaħħlu l-*bolards* li inxtraw għal-Wied Siekel biex ma jkunux jistgħu jgħaddu karozzi min dan il-passaġġ li għadu kif ġie pavimentat.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

9.19 Is-Sindku ippropona li toħroġ *expression of interest* għal-kors tal-computer peress li kien hemm madwar 20 persuna li wrew interess. Qal ukoll li possibilment għandu jsir fis-Sala tal-Komunità. Il-Kunsillier is-Sur Victor Cefai wera x-xewqa li jieħu ħsieb il-kordinazzjoni tal-kors peress li dejjem xtaq li jsir. Il-Kunsill qabel.

9.20 Ġiet asfaltata parti min Triq Mons Mikiel Buttiġieġ mill-Ministeru għal-Għawdex.

9.21 Għalqu in-nomini tal-Elezzjoni tal-Kunsill Lokali li ser issir fid-9 ta' Marzu 2013. B'kollox ntefgħu 7 nomini li minnhom jridu jiġu eletti 5 kunsilliera.

9.21 Saret ħarġa-soċjo kulturali ta' nofs ta' nhar f'Għawdex għar-residenti tal-Fontana. Żorna l-Knisja ta' San Pawl f'Marsalforn fl-okkażjoni tal-festa, wara kellna *Cafe* u *Snack* fl-*Odyssey Bar & Restaurant*. Il-ħarġa kompliet fil-*Magro Food Village* fix-Xewkija. Attendew 34 persuna fosthom is-Sindku u l-kunsillier is-Sur Victor Cefai.

9.22 Saret ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta. Żorna l-*Cose Casa* f'Ħal Balzan u l-mużew tal-Katidral fl-Imdina. Il-ħarġa kompliet fl-istabbiliment kummerċjali f'*The Point* f'tas-Sliema. Attendew 40 persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsilliera is-Sur Victor Cefai u s-Sur Horace Micallef.

9.23 Ġie iffirmat kuntratt mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-kumitat Malti għall-Isport wara li l-Kunsill kien infurmat lli ser jingħata għajnuna sa massimu ta' €500 biex jiġu organizzati attivitajiet sportivi mill-Kunsill matul din is-sena. Il-Kunsill ser joħroġ €500 oħra.

9.24 Is-Sindku flimkien mal-Perit Angelo Portelli għamlu żjara fi Pjazza l-Għejjun biex jiġi deċiż fejn ser jintefa l-ilma li nstab waqt ix-xogħol fil-bini tat-tieni parti tat-triq tax-Xlendi. Dan ser jintefa fil-Għajn il-Kbira kif kien ġie maqbul waqt laqgħa tal-Kunsill.

9.25 Is-Sindku, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u Dr Samuel Azzopardi li hu l-Avukat tal-Kunsill attendew għar-rabà seduta ta' l-appell dwar il-ġebla għal-pavimentar tal-ispazzju miftuħ tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Din saret fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

9.26 Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-kunsillier is-Sur Victor Cefai attendew għal quddiesa ta' radd il-ħajr fl-okkażjoni tat-tmiem tal-ħatra bħala kappillan tal-Fontana ta' Dun Joseph Bajada.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-25 ta' Marzu 2013, fil-5.30p.m.

| | |
|---|---|
| Louis Stefan Magrin | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555